



Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-298/23 | Inter IKEA Systems

Stqarrija għall-Istampa Nru 119/26

Il-Lussemburgu, 8 ta' Settembru 2026

Dritt tat-trade marks: il-proprietarju jista' jopponi l-użu tat-trade mark tiegħu li għandha reputazzjoni minn partit politiku meta dan tal-aħħar ma jkunx wera li l-libertà ta' espressjoni tiegħu tipprevali fuq id-drittijiet u l-interessi ta' dan il-proprietarju

Partit politiku ppreżenta pubblikament pjan dwar ir-riforma tal-politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni fil-Belġju billi uża t-trade marks IKEA li għandhom reputazzjoni sabiex isaħħaħ il-messaġġ tiegħu. Sabiex jiġġustifika dan l-użu, dan il-partit politiku jinvoka l-libertà tal-espressjoni tiegħu. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-imsemmi użu jirriżultax minn "raġuni valida", il-qorti nazzjonali għandha twettaq ibbilanċjar, minn naħa, tad-dritt għall-proprietà tal-proprietarju tat-trade mark u tal-interessi tiegħu, u, min-naħa l-oħra, tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni invokat mit-terz u tal-interessi tiegħu, peress li ebda wieħed minn dawn iż-żewġ drittijiet ma huwa assolut. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, f'dan il-każ, l-użu ta' dawn it-trade marks IKEA jista' jikkawża dannu sinjifikattiv għar-reputazzjoni ta' dawn it-trade marks u għall-interessi tal-proprietarju tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li l-użu tat-trade marks IKEA, imwettaq bl-għan biss li jittieħed vantaġġ mir-reputazzjoni tagħhom sabiex jissaħħaħ messaġġ politiku u sabiex jiġdied it-tixrid tiegħu, jipprevali fuq id-drittijiet u l-interessi tal-proprietarju ta' dawn it-trade marks, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fl-2022, il-partit politiku Vlaams Belang ippreżenta pubblikament, waqt konferenza stampa, il-pjan politiku tiegħu intitolat "IKEA-PLAN – Immigratie Kan Echt Anders" ("Pjan-IKEA – l-immigrazzjoni, hija verament possibbli mod ieħor"), li għandu bħala għan ir-riforma tal-politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni fil-Belġju. Dawn il-proposti kienu akkumpanjati minn eżempji li jinkludu sinjali li jikkorrispondu għat-trade marks IKEA kif ukoll għal persunaġġi li jixbhu lil daww li jinsabu fl-istruzzjonijiet ta' mmuntar tal-prodotti tal-impriża IKEA. Il-konferenza stampa ġiet imxandra fil-media soċjali. Inter IKEA, proprietarja ta' dawn it-trade marks, ippreżentat quddiem il-qorti Belġjani, azzjoni għal kontraffazzjoni kontra l-assoċjazzjoni Vrijheidsfonds, li mexxiet il-kampanja tal-Vlaams Belang.

Quddiem il-qorti nazzjonali, Vrijheidsfonds irrikonoxxiet li użat it-trade marks IKEA mingħajr il-kunsens tal-proprietarju tagħhom, iżda ssostni li użat ir-reputazzjoni ta' dawn it-trade marks sabiex issaħħaħ il-messaġġ tagħha, billi argumentat li dan jikkostitwixxi "raġuni valida", fis-sens tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li b'hekk tippoteġi l-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà li jiġu espressi opinjonijiet politiċi u l-parodija politika¹. Peress li qieset li dan huwa kunflitt bejn drittijiet fundamentali tal-istess grad, jiġifieri d-dritt għall-proprietà u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-qorti nazzjonali staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li **l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma fihix dettalji dwar il-kunċett ta' "raġuni valida"**. Madankollu, fil-premessi ta' din il-leġiżlazzjoni, il-leġiżlatur enfażizza l-ħtieġa li din tiġi applikata b'mod li tiggarantixxi r-rispett sħiħ tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari tal-libertà tal-espressjoni.

Madankollu, **is-sempliċi invokazzjoni tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita raġuni valida**. Terz, li jagħmel użu minn sinjal identiku jew simili għal trade mark li għandha reputazzjoni, għandu jesponi r-raġunijiet konkreti ta' dan l-użu marbuta mal-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni tiegħu u juri li dawn ir-raġunijiet jipprevalu fuq id-drittijiet u l-interessi tal-proprietarju ta' din it-trade mark.

Il-qorti nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk l-użu magħmul minn terz jirriżultax minn raġuni valida, **għandha twettaq ibbilanċjar, minn naħa, tad-dritt għall-proprjetà tal-proprjetarju tat-trade mark li għandha reputazzjoni u tal-interessi tiegħu, u, min-naħa l-oħra, tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni** invokat mit-terz u tal-interessi ta' dan tal-aħħar, peress li ebda wieħed minn dawn iż-żewġ drittijiet ma huwa assolut.

F'dan il-kuntest, il-qorti nazzjonali għandha tiddetermina jekk l-użu minn terz tat-trade mark li għandha reputazzjoni sarx *in bona fide*. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta dan l-użu jsir sabiex tingħata idea jew opinjoni li hija marbuta mat-trade mark bħala tali, il-proprjetarju ta' din it-trade mark, il-prattiki kummerċjali tagħha, il-prodotti jew is-servizzi tagħha. Elementi rilevanti oħra huma jekk l-użu tat-trade mark **jikkontribwixxi għal dibattitu ta' interess ġenerali** kif ukoll għall-**konsegwenzi** li l-użu minn terz tat-trade mark jista' jwassal għalihom **għall-proprjetarju** tagħha. B'mod partikolari, ma jistax jiġi impost fuq dan tal-aħħar li jittollera użu li jista' jikkawżalu dannu sproporzjonat, jew li jkun ta' natura li jippreġudika s-sustanza stess tad-dritt esklużiv mogħti mir-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark.

F'dan il-kuntest, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-intensità tal-użu minn terz tat-trade mark li għandha reputazzjoni, il-portata ta' dan l-użu u l-modalitajiet magħżula għal dan l-għan kif ukoll il-fatt li l-użu mit-terz jista' jagħti l-impressjoni li l-proprjetarju ta' din it-trade mark jaderixxi mal-messaġġ politiku trażmess jew mal-ideat politiċi promossi, jew saħansitra jappoġġjahom bi kwalunkwe mod, filwaqt li l-valuri rrakkomandati minn dan il-proprjetarju huma bbażati fuq in-newtralità fil-konfront ta' kull partit politiku jew huma inkompatibbli ma' dan il-messaġġ politiku.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, f'dan il-każ, l-użu ta' dawn it-trade marks IKEA jista' jikkawża dannu sinjifikattiv għar-reputazzjoni ta' dawn it-trade marks u għall-interessi tal-proprjetarju tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhrix li l-użu tat-trade marks IKEA, imwettaq bl-għan biss li jittieħed vantaġġ mir-reputazzjoni tagħhom sabiex jissaħħaħ messaġġ politiku u sabiex jiżdied it-tixrid tiegħu, jipprevali fuq id-drittijiet u l-interessi tal-proprjetarju ta' dawn it-trade marks, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex titratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw esklużivament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitlejgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtagħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li jkun aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Curia Web TV](#)" kif ukoll fuq "[European Broadcasting Service](#)" ☎ (+ 32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-Artikolu 9(2)(c) tar-Regolament (UE) [2017/1001](#) dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 10(2)(c) u l-paragrafu 6 tad-Direttiva (UE) [2015/2436](#) biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-trademarks.